MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Talba Numru. 581/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Master Wine Holdings Limited ( 26313) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Master Wine Holdings Limited**

**Vs**

**Olivia Pace**
**(ID 96177M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta` Frar, 2005 fejn l-atturi qed jitolbu sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta` tliet mija u disgha u disghin lira, sebgha u disghin centezmu (Lm299.97) rapprezentanti danni kawzati f'incident stradali li sehh nhar l-4 ta` Awissu, 2004 fi Triq Sant Aristarku, San Pawl il-Bahar bejn il-vettura numru JAU 181 misjuqa mill-

konvenuta dik numru HBA 567 misjuqa minn Noel Debattista proprjeta` tas-socjeta` attrici Master Wine u ghal liema ncident kienet unikament responsabbli l-istess konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 4 ta` Jannar, 2005 u ta` ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma` dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax legali dekorribbli mill-4 ta` Jannar, 2005 kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 19 ta` Lulju, 2005 fejn ikkontestat it-talbiet attrici in vista tal-fatt li kien l-istess sewwieq tal-vettura tal-attur unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-incident in kwistjoni sehh meta s-sewwieq tal-vettura tas-socjeta` attrici kienet miexja ghat-triq taghha u f'salt wiehed sab lill-vettura tal-konvenuta ma` wiccu li kienet ghadha kemm irriversjat minn gewwa garage. Mill-banda l-ohra l-konvenuta tallega li meta sehh l-impatt hija kienet gia` harget mill-garage u kienet wieqfa ghal kollox meta s-sewwieq l-iehor aljena rasu ghall-mument kwindi ma zammx proper look out fit-triq tieghu u habat go fiha. Hekk gie rappurtat fir-rapport tal-warden a fol 13 et seq tal-process u bazikament hekk xehdu bil-gurament taghhom iz-zewg sewwieqa.

Gie konstatat illi t-triq in kwistjoni hija one way u pjuttost dejqa partikolarment meta tqis li kien hemm vetturi parkeggjati fuq in-naha tax-xellug tat-triq. L-attur kien miexi sewwa fid-direzzjoni gusta u l-vizwali tieghu kienet

tajba peress li t-triq hija dritta. Mir-ritratti ezebiti a fol 42 sa 45 tal-process jidher li l-attur ma tantx kien fadallu wisgha fit-triq mnejn jghaddi minnhabba l-vettura tal-konvenuta. Is-Sur Debattista baqa` jinsisti anke in kontro-ezami li fil-mument ta` l-impatt il-konvenuta kienet miexja qed taghmel manuvra ta` reverse u mhux wieqfa ghal kollox ghalkemm jikkonferma wkoll li ftit qabel l-impatt, huwa qala` ghajnejh minn fuq it-triq peress li nnota bniedem fuq il-bankina li hasbu li waqa` ma` l-art u kien fil-mument meta rega` dar ihares lejn it-triq li lemah lill-konvenuta xi 20 pied quddiemu qed tirriversja ghal got-triq.

Il-konvenuta mill-banda l-ohra tinsisti li hija kienet gia` harget mill-garage ghal gewwa t-triq u kienet wieqfa ghal kollox qed tistenna lill-ohtha taghlaq il-bieb tal-garage. Il-gear taghha kien on free u ghalhekk zammet saqajha maghfusa fuq il-brake. Hija tghid ukoll li mad-daqqa l-vettura taghha mxiet il-quddiem sakemm waqfet ma` tarf il-bankina. Dan ifisser li fl-ewwel lok hija kienet allura aktar sporguta l-barra fit-triq gialadarba mxiet il-quddiem mad-daqqa u fit-tieni lok jinghad li mir-ritratti ezebiti ma jistax ikun kif sostniet il-konvenuta li l-vettura kienet harget ghad-dritt u li sfat angolata bid-daqqa. Anke ohtha stess tghid li hi harget angolata – jaghmel aktar sens fil-fatt li tohrog angolat mill-garage biex taqbad it-triq ‘l isfel u cioe` precizament kif tidher fl-istess ritratti.

Oht il-konvenuta Alexia Bonanno xehdet li hija ghamlet sinjal lill-ohtha li setghet tohrog mill-garage wara li accertat ruhha li t-triq kienet hielsa mit-traffiku. Il-vettura waqfet fit-triq b’mod angolat u hija ppuntat biex taghlaq il-garage. Kif appena ghalqet tnejn minn erba` bibien semghet u mhux rat hoss ta` brake u ta` l-impatt in kwistjoni. Hija tghid li kienet ghaddiet xi minuta bejn li l-konvenuta waqfet barra l-garage u l-mument ta` l-impatt. Il-konvenuta tghid li ghaddew bejn minuta jew tnejn.

Illi in vista tal-premess ghalhekk wiehed ghandu jara x’kienet il-kawza prossima ta` l-incident. 1) il-manuvra ta` reverse minn gewwa garage ghal go triq principali kif allegat mill-atturi 2) il-fatt li s-sewwieq Debattista aljena rasu ghal mument u ma zammx ghajnejh fuq it-triq

quddiemu kif allegat mill-konvenuta 3) il-fatt li l-konvenuta ostakolat il-karreggjata ta` Debattista bil-vettura taghha jew 4) ftit minn kollox.

It-Tribunal huwa tal-fehma wara li sema` l-provi viva voce illi l-incident sehh fil-mument meta l-konvenuta kienet qed tirriversja ghal gewwa triq principali bil-konsegwenza li ostakolat ghal kollox il-karreggjata ta` l-attur. Fil-mument ta` din il-manuvra it-Tribunal jemmen ukoll li oht il-konvenuta kienet qed tiehu hsieb taghlaq il-bibien tal-garage u mhux thares fit-triq biex tara hiex hielsa mit-traffiku. Illi ghalkemm huwa minnu li Debattista ma zammx proper look out kostanti fit-triq quddiemu minhabba li ta` daqqa t'ghajn lejn dik il-persuna fuq il-bankina ma kien hemm ebda nexus ta` kawza u effett bejn dan l-akkadut u l-impatt. Debattista gie affaccjat b'ostakolu istantaneju ta` vettura qieghdha tirriversja ghal got-triq principali mnejn kien miexi hu u kwindi ma setax jevita l-istess. F'manuvra simili huwa l-obbligu ta` min qed jirriversja li jassikura ruhu li mhux ser ikun ta` periklu ghat-traffiku u li ma jostakolax l-istess traffiku – obbligu li l-konvenuta naqset li tonora.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni, kwindi jichad l-eccezzjoni sollevati minnha u jilqa` it-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta` tliet mija u disgha u disghin lira, sebgha u disghin centezmu (Lm399.97) bl-imghax legali dekorribbli mill-4 ta` Jannar, 2005 u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------